

- 4) Ir-risposta għat-tielet domanda tkun differenti f'ċirkustanzi fejn l-istruttura tat-tranżazzjonijiet magħżula mill-kumpannija inkwistjoni tfisser li l-benefiċċju tal-għażla ma jistax jintuża?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11)

(<sup>2</sup>) Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, tat-12 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 46, p. 11)

---

### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-575/16)

(2017/C 022/23)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk, K. Walkerová, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka

#### Talbiet

- tikkonstata li billi imponiet kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika Ċeka naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE; u
- tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni ta' nazzjonalità stabbilita għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar fis-sistema legali Ċeka hija diskriminatorja u tikkostitwixxi restrizzjoni inġustifikata għal-libertà ta' stabbiliment. B'hekk, ir-Repubblika Ċeka naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE.

Il-Kummissjoni tqis li l-funzjonijiet ikkonferiti lin-nutara bil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika Ċeka ma jikkontribwixxux, min-natura tagħhom, għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u li b'hekk ma tistax tiġi ġġustifikata bl-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 51 TFUE il-kundizzjoni ta' nazzjonalità prevista għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar fis-sistema legali Ċeka.

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fis-17 ta' Novembru 2016 – C. K., H. F. u (minuri) A. S. vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-578/16)

(2017/C 022/24)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

#### Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

#### Partijiet

Rikorrenti: C. K., H. F. u (minuri) A. S.

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Domandi preliminari**

1. L-interpretazzjoni tar-regoli dwar l-applikazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali stabbilita fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-natura ta' din id-dispożizzjoni, hija tali li l-qorti tal-Istat Membru għandu l-kompetenza finali, jew hija tali li teżonera lill-qorti, li mid-deċiżjonijiet tagħha ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju, mir-rinviju tal-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?
  2. L-evalwazzjoni ta' ċirkustanzi fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III (f'każ bħal dak tas-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari) hija suffiċjenti sabiex tiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 jew tal-Artikolu 19 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra?
  3. Mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III jirriżulta li l-użu tal-klawżola diskrezzjonali min-naħa ta' Stat Membru, sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva fir-rigward ta' ksur ta' dritt stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'każijiet bħal dawk tas-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, huwa obligatorju u jipprekludi t-trasferimenti tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istat Membru kompetenti, li jkun iddikjara l-kompetenza tiegħu skont l-imsemmi regolament?
  4. Skont il-klawżola diskrezzjonali fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, l-applikant għal protezzjoni internazzjonali jew persuna oħra fil-kuntest ta' proċedura ta' trasferiment fis-sens tar-regolament imsemmi jistgħu jinvokaw l-applikazzjoni tal-klawżola stess, li fuqha jridu jiddeċiedu l-korpi amministrattivi kompetenti u l-qorti tal-Istat Membru, jew l-imsemmija korpi u l-qorti tal-Istat Membru huma obbligati li jivverifikaw *ex officio* ċ-ċirkustanzi deskritti?
-